**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2016**

**Kawża Nru 56**

**Rik. Nru. 1131/06JRM**

Antonio **MUSCAT**

vs

Redento **BONNIĊI** u Dominic Bonniċi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti issib li (i) l-imħarrkin, jew min minnhom, ġabu ruħhom miegħu b'mod abbużżiv u illegali meta fid-29 ta' Marzu, 2006, ħabtu għalih waqt li kienu fil-bini tal-Qorti u meta minħabba f'hekk ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan u (iii) tikkundannahom, jew lil min minnhom, iħallsuh l-ammont hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2007[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġibiet Maħlufin imressqa fid-29 ta' Jannar, 2007, u 23 ta' Lulju, 2008, rispettivament mill-imħarrek Redento Bonniċi u l-imħarrek Dominic Bonniċi li biha, preliminarjament, laqgħu għall-azzjoni attriċi w iressqu l-eċċezzjoni tal-intempestivita' billi jgħidu li l-attur qatt ma kien għadu interpellahom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Fil-mertu, jiċħdu li aggredew lill-attur u ikkaġunawlu ġrieħi gravi. Għall-kuntrarju, jgħidu li kien l-attur li ħebb għalihom bla ebda raġuni. Jgħidu wkoll illi l-attur irid jipprova li l-ġrieħi li jgħid li ġarrab huma tabilħaqq ir-riżultat ta' l-istess inċident li jilmenta minnu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' Ġunju, 2009[2], u d-direttivi ulterjuri li tat lill-attur u dwar il-mod kif kienet sejra tkompli titmexxa l-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-24 ta' Settembru, 2009[3], bix-xhieda f'affidavit mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa minn rappreżentant tas-Suprintendent tal-Isptar *Mater Dei* fl-1 ta' Marzu, 2010, b'kopja awtentikata tal-*file* mediku tal-attur mehmuża magħha;

Semgħet ix-xhieda tal-attur u tax-xiehda mressqin minnu;

Rat in-Noti mressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' Frar, 2011[4], bix-xhieda tagħhom f'affidavit u provi dokumentali mehmuża ma' kull waħda minnhom;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2011[5], li bih ħatret lill-Kirurgu Ortopediku Charles Grixti sabiex jgħid jekk l-attur sofriex minn xi debilita' li ma tgħaddix, u f'każ affermattiv, jistabbilixxi l-grad ta' tali debilita';

Rat ir-Rapport imresssaq mill-perit mediku fl-10 ta' Mejju, 2011[6] u minnu maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April, 2012;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fil-25 ta' Mejju, 2012[7], li bih talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

[1] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[2] Paġ. 33 tal-proċess
[3] Paġġ. 34 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 116 sa 135 tal-proċess
[5] Paġ. 136 tal-proċess
[6] Paġġ. 215 – 220 tal-proċess
[7] Paġ. 263 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda tal-perit mediku mressaq mill-imħarrkin b'xhud tagħhom in eskussjoni[8];

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2014[9], li bih iddikjarat magħluqa l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-16 ta' Settembru, 2014[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-25 ta' Novembru, 2014[11], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-għeluq mill-avukati difensuri tal-partijiet[12];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ġlieda li nqalgħet f'post pubbliku. Il-partijiet kienu lkoll preżenti fil-bini tal-Qorti waqt bejgħ ta' proprjeta' b'subbasta. L-attur jgħid li l-imħarrkin, jew min minnhom, ħebbew għalih u b'riżultat tal-aggressjoni tagħhom, hu ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux. Għaldaqstant qed jitlob kumpens għad-danni li ġarrab;

Illi għal din ix-xilja, l-imħarrkin jiċħdu bil-qawwa li ħabtu għall-attur jew li ikkaġunawlu xi ġrieħi gravi. Jgħidu li kien l-attur u dawk li kien hemm miegħu li ħebbew għalihom bla ebda raġuni. Minbarra dan, iqanqlu l-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li l-attur ġarrab il-ġrieħi li huwa jsemmi dakinhar li nqala' l-inċident fil-Qorti jew jekk kienx diġa' kellu xi inċident ieħor qabel dakinhar;

Illi bħala **fatti relevanti** illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża, jirriżulta li fid-29 ta' Marzu, 2006, il-partijiet kienu lkoll miġbura fil-bini tal-Qorti jassistu għal bejgħ b'subbasta ta' proprjeta li tinsab f'San Pawl il-Baħar. L-attur kien assistit ukoll minn żewġ uliedu flimkien mat-tfajla ta' wieħed

---

[8] Paġġ. 316 – 327 tal-proċess
[9] Paġġ. 378 – 9 tal-proċess
[10] Paġġ. 380 – 391 tal-proċess
[11] Paġġ. 393 – 404 tal-proċess
[12] Paġ. 653 tal-proċess

minnhom, ċertu Letizia Scicluna. Il-proprjeta' nxtrat minn Letizia Scicluna;

Illi l-inċident inqala' wara li ntemmet is-subbasta u waqt li n-nies bdiet nieżla t-taraġ tal-Qorti mis-sular fejn kien qiegħed jinżamm l-irkant;

Illi, fi kliem l-attur, l-imħarrkin ħadu bi kbira l-fatt li ma laħħqux mal-ogħla prezz offrut, u filwaqt illi ħebbew għal Letizia Scicluna u tawha daqqa fuq daharha, infexxew fih bis-swat u, bid-daqqiet li qala', spiċċa b'debilita' li ma tfieqx f'sebgħu ta' idu x-xellugija u fl-irkobba l-leminija[13]. Din il-verzjoni tal-fatti ġiet korroborata miż-żewġ uliedu[14] u mill-istess Letizia Scicluna[15];

Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jgħidu illi x'ħin spiċċat is-subbasta u bdew neżlin it-taraġ mill-ewwel sular għall-pjan terran fil-bini tal-Qorti, b'leħen għoli Letizia Scicluna indirizzathom b'diskors mhux xieraq. Fl-istess ħin ġie wieħed minn ulied l-attur, Donald Muscat, flimkien ma' xi nies oħra, u ħebbew għalihom. Il-partijiet ġew mixħuta fl-art, jissawtu b'daqqiet ta' ponn u bis-sieq tant li spiċċaw mimlijin bid-dmijja ħiereġ minn wiċċhom u mxerred mal-art. L-aktar li ġarrab swat u tweġġa' kien l-imħarrek Dominic Bonniċi[16]. Din it-tieni verżjoni tal-fatti ġiet korroborata minn omm u bint li kellhom interess fix-xiri tal-istess proprjeta' li kienet qed tinbiegħ bis-subbasta, ċertu Josephine Galea[17] u bintha Pauline Harkins[18]. Xhieda oħrajn li qalu x'raw dakinhar kienu Vincent Attard[19], uffiċjal tal-Qorti li mexxa s-subbasta, u l-Avukat Robert Abela[20], avukat tal-imħarrek Redento Bonniċi, li kien preżenti fuq is-sit wara li spiċċat il-ġlieda u jikkonferma li ra d-dmija mal-art u fuq uċuħ l-imħarrkin;

Illi fiż-żmien tal-inċident, l-attur kien jaħdem bħala ħaddiem tal-Port u dakinhar kellu disgħa u ħamsin (59) sena[21] u rtira mix-xogħol sentejn wara[22];

Illi xi xahar wara l-inċident, l-attur ġie operat f'irkobbtu[23], u għamel xi żmien nieqes mix-xogħol[24]. Jirriżulta illi meta daħal l-isptar fil-jum tal-inċident, l-attur ġie rilaxxat mingħajr ma sar ebda intervent fuqu[25]. L-

---

[13] Affidavit ta' l-attur paġġ. 35 – 6. Ara wkoll Dok. "AM19" f'paġġ. 5 u 5A tal-proċess, Dok. "AM13" f'paġġ. 9A u 9B tal-proċess, u x-xhieda ta' Dr Jason Żammit f'paġġ. 46 – 7 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Donald Muscat f'paġ. 38 tal-proċess u ta' Josef Muscat f'paġ. 39 tal-proċess
[15] Affidavit ta' Letizia Scicluna f'paġ. 37 tal-proċess
[16] Affidavit ta' Redento *sive* Reno Bonnici f'paġġ. 117 – 121 tal-proċess u affidavit ta' Domenic Bonnici f'paġġ. 129 – 132 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Josephine Galea f'paġġ. 188 – 9 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Pauline Harkins f'paġġ. 152 – 6 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Vincent Attard f'paġġ 176 – 7 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Dr Robert Abela f'paġġ. 376 – 7 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Lorraine Pulis f'paġ. 255 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 367 tal-proċess
[23] Dok. "AM15" f'paġ. 9 u Dok. "AM16" f'pap. 8 tal-proċess. Ara wkoll paġġ. 197 – 9 tal-proċess
[24] Dok. "SC1" f'paġ. 74 u dok. "SC2" f'paġ. 108 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Stanley Castillo f'paġ. 80 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' Dr Jason Żammit f'paġ. 47 tal-proċess

aħwa Bonniċi wkoll iddaħħlu l-isptar fil-jum tal-inċident[26]. L-imħarrek Dominic Bonniċi ressaq ċertifikat mediku li juri il-ħtieġa ta' kirurġija minħabba ksur li ġarrab f'imnieħru[27];

Illi minn *x-rays* ta' l-irkobba li ttieħdu fuq l-attur fil-poliklinika ta' Ħal Qormi qabel ma ġara l-inċident, jirriżulta illi l-attur kien ibati minn artrite f'irkobbtu l-leminija[28], u li din żviluppat matul is-snin[29]. Għal din ir-raġuni, meta f'Awwissu tal-2006 l-attur ressaq talba mal-kumpannija ta' assikurazzjoni għall-ħlas ta' kumpens marbuta mal-inċident li jgħid li kellu mal-imħarrkin, il-kumpannija assikuratriċi offriet ammont anqas minn dak li kien qed jitlob[30], liema offerta l-attur aċċettaha[31];

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur flimkien ma' ibnu Josef Muscat u Letizia Scicluna daħħlu rapport mal-Pulilzija kontra l-imħarrkin[32], filwaqt illi meta ssejħet il-Pulizija fuq is-sit ftit minuti wara l-inċident, dawn ħadu stqarrija ta' dak li ġara mingħand l-imħarrek Dominic Bonniċi[33]. Il-Pulizija mexxiet kontra l-partijiet billi ħarġet akkużi marbuta ma' offiżi li ġabu ġrieħi ta' natura ħafifa, fost oħrajn. Ebda provvediment ma ngħata mill-Qorti kontra ebda wieħed mill-partijiet billi, meta tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-partijiet ħafru lil xulxin;

Illi l-attur ressaq ċertifikati mediċi dwar korriment barra mill-post tax-xogħol u ma daħalx għax-xogħol bejn id-29 ta' April, 2006, u s-17 ta' Lulju ta' dik l-istess sena[34];

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fl-20 ta' Diċembru, 2006;

Illi fit-28 ta' Frar, 2007[35], l-imħarrek Dominic Bonniċi bagħat ittra uffiċjali lil iben l-attur, Josef Muscat, sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni ikkaġġunati minnu fuqu fil-jum tal-inċident, liema ittra ġiet injorata;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel **il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali** marbutin mal-każ. L-ewwel ħaġa li trid tistħarreġ hija min kien ħati tal-inċident li fih l-attur jgħid li korra, u dan fid-dawl tal-eċċezzjonjiet imressqin mill-imħarrkin, partikolarment dik li tgħid li mhux minnu li ħabtu għalih, u li kien l-attur u n-nies li kien hemm miegħu illi aggredew lill-imħarrkin għall-ebda raġuni u kkaġunawlhom ġrieħi;

---

[26] Għar-rigward ta' Redento Bonniċi ara Dok. "RB1" sa Dok. "RB3" f'paġġ. 122 – 4 tal-proċess. Għar-rigward ta' Dominic Bonniċi ara Dok. "DB1" f'paġġ. 133 – 4 tal-proċess
[27] Dok. "DB2" f'paġ. 135 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Kirurgu Adrian M Agius f'paġ. 287 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tal-Konsulent Kirurgu Frederick Żammit Maempel f'paġġ. 97 – 8 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda tal-Kirurgu Charles Grixti f'paġ. 317 tal-proċess
[30] Dok. "AMX" f'paġ. 77 tal-proċess u Dok. "LP1" f'paġ. 223 tal-proċess
[31] Dok. "AMY" f'paġ. 76 tal-proċess
[32] Paġġ. 105 – 7 tal-proċess
[33] Dok. "AMX1" f'paġ. 352 tal-proċess
[34] Dok "SC2", f'paġ. 108 tal-proċess
[35] Paġġ. 265 – 271 tal-proċess

Illi xieraq li jingħad li l-azzjoni magħżula mill-attur trid titqies fil-qafas ġuridiku xieraq tagħha. Huwa jibni l-azzjoni tiegħu fuq il-ħbit li huwa jgħid li sar fuqu miż-żewġt aħwa mħarrkin, jew min minnhom. Huwa miżmum li l-ħsara kaġunata minn ħbit jew minn ġlieda mhijiex meqjusa bħala ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, imma bħala waħda ta' danni konsegwenzjali għal għemil kriminuż li għalih jgħoddu l-prinċipji tad-dritt kriminali[36];

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu tal-attur li jġib prova tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li ġie aggredit mill-imħarrkin b'korla għall-fatt li ma rnexxilhomx jilħqu l-prezz li bih inbiegħet il-proprjeta bis-subbasta;

Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jiddefendu l-każ tagħhom fuq żewġ difiżi: l-ewwel, li mhux minnu li aggredew lill-attur, u li kien l-attur li aggredixxa lilhom; it-tieni, li l-attur irid jipprova li l-ġrieħi li jgħid li ġarrab kienu kkaġunati fl-inċident li jifforma l-mertu tal-kawża u mhux minħabba ċirkostanzi oħrajn li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ. Miġbura t-tnejn flimkien, l-imħarrkin jisħqu li m'għandhomx ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur;

Illi l-fatt li l-attur isib li kien hemm mottiv li seta' wassal lill-imħarrkin biex jagħmlu dak li jixlihom bih mhuwiex biżżejjed biex b'hekk ikun wettaq il-piż tal-prova ta' dak li tabilħaqq seħħ;

Illi għaldaqstant il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ il-kwestjoni tar-responsabbilita' għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tiegħu u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-imħarrkin;

Illi d-dottrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment, ir-regoli jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbilta' għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[37]. Għaldaqstant min bil-ħsieb, jew mingħajru, jagħmel deni għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, prudenza jew ħsieb, hu obbligat għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[38];

[36] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XL.i.376**)
[37] Art. 1031 tal-Kap. 16
[38] Art. 1033 tal-Kap. 16

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam li għall-ħsara magħmula kontra s-sewwa, iwieġeb ukoll kull min bi ħsieb magħmul ikun ħa sehem fiha b'pariri, b'theddid jew bi kmandi[39]. Hija regola ewlenija oħra illi meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija waħda solidali, filwaqt illi dak li ma jkunx mexa dolożament, huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna[40];

Illi, fl-aħħarnett, huwa prinċipju aċċettat ukoll li jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun ikkontribwiet għaliha, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament ikkontribwew għal dik il-ħsara jitnaqqas f'dik il-proporzjon[41];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, hemm qbil li l-partijiet f'din il-kawża kienu lkoll, f'xi ħin matul is-subbasta, fil-preżenza ta' xulxin fil-jum u ħin meta ġara l-inċident. Iżda filwaqt illi l-attur jitfa' l-ħtija għal dak li ġara għal kollox fuq l-imħarrkin, l-imħarrkin jiċħdu b'qawwa x-xiljiet miġjuba kontrihom, u minflok jgħidu li huma l-vittmi ta' dak li ġara għaliex kien l-attur u n-nies li kienu miegħu li kkawżawlhom il-ħsara;

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[42] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[43] Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[44] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[45];

Illi huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka,

[39] Art. 1044 tal-Kap. 16
[40] Art. 1049 tal-Kap. 16
[41] Art. 1051 tal-Kap. 16
[42] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[43] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[44] Art. 562 tal-Kap 12
[45] Art. 559 tal-Kap 12

fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[46] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[47] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[48];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[49] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[50]. Iżda dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[51];

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[52];

Illi dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, l-attur joqgħod fuq ix-xhieda tiegħu, taż-żewġ uliedu u tas-sieħba ta' wieħed minnhom. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin iressqu xhieda ta' persuni oħrajn li ma jiġux minnhom u li wkoll kienu qegħdin jaraw x'kien għaddej. L-imħarrkin jisħqu[53] li l-azzjoni attriċi hija "kawża msejsa mill-bidu sal-aħħar fuq xhieda falza" fuq storja "li m'għandha xejn mis-sewwa, anzi hi fabbrikata mill-bidu sal-aħħar". Għall-kuntrarju, għall-attur, il-provi juru bla tlaqliq kemm kienu l-imħarrkin li ħabtu għalih u kemm ix-xhieda mogħtija minnhom kienet miżgħuda b'inkonsistenzi;

Illi fid-dawl tal-prinċipji li ssemmew qabel, u wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova kif imiss li ġie aggredit mill-imħarrkin. Din il-fehma, il-Qorti

[46] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[47] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[48] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja***(mhix appellata)
[49] Art. 562 tal-Kap 12
[50] Art. 559 tal-Kap 12
[51] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***
[52] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)
[53] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 393 tal-proċess

waslet għaliha wara li qieset xhieda indipendenti mill-partijiet, fosthom dik ta' Vince Attard, li toqrob ferm aktar lejn il-verżjoni tal-fatti msemmija mill-imħarrkin milli għall-verzjoni l-oħra mfissra mill-attur u x-xiehda mressqin minnu. Vince Attard jikkonferma li meta nqala' l-inċident, l-imħarrkin kienu neżlin it-taraġ tal-Qorti, u li ma rreaġixxewx għad-diskors li ntqalilhom minn Letizia Scicluna[54]. Jgħid ukoll li ma rax lill-imħarrkin jipprovokaw lill-istess Letizia Scicluna[55], u li ma jiftakarx li l-attur u l-imħarrkin f'xi ħin kienu f'kuntatt ma' xulxin[56]. Din il-verżjoni tal-aħħar, tikkonfermaha wkoll Pauline Harkins[57], filwaqt li Josephine Galea tikkonferma li ma ratx lill-aħwa Bonniċi jagħmlu ebda ħaġa lill-attur[58];

Illi iżjed ma l-Qorti taqra l-verżjonijiet tal-partijiet, aktar toħroġ konvinta li, fiċ-ċirkostanzi mħaffa li fih seħħ l-episodju kollu, ma jistax ikun li l-imħarrkin setgħu ħabtu għall-attur meta kienu huma stess li qalgħu xebgħa nobis li ħalliethom mimlija dmija u mbagħad sabu s-saħħa u l-ħin biex iduru għall-attur filwaqt li wlied l-attur (tnejn min-nies ta' binja soda) baqgħu jħarsu lejn missierhom jaqla' d-daqqiet u m'għamlu xejn. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed joqgħod fuq il-verżjoni tal-attur u wliedu li l-imħarrkin kellhom xi jgħidu ma' u ħabtu għal Letizja Scicluna u mhux għall-attur, aktar u aktar tkun diffiċli biex tifhem kif u x'ħin l-attur daħal fin-nofs f'din it-taħbila li ġrat quddiem għajnejn bosta nies;

Illi minbarra dan, hemm xi elementi ta' prova mressqa mill-attur li jkomplu jixħtu dubji dwar ir-rabta bejn dak li jirriżulta minn saħħet l-attur u l-kundizzjoni tiegħu u l-ġrajjiet ta' dak li seħħ dakinhar fil-bini tal-Qorti. B'mod partikolari, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li tressqu provi mediċi li, għallanqas f'dak li jirrigwarda l-ġrieħi li huwa jgħid li ġarrab f'idu x-xellugija, juru li xi ħmistax-il (15) jum qabel inqala' l-inċident mertu tal-każ, l-attur kien mar jieħu *x-rays* tal-istess id fi poliklinika tal-Gvern[59]. Hemm ukoll xiehda dokumentali li turi li, meta ressaq it-talba tiegħu għall-kumpens mal-assikurazzjoni, id-data msemmija ta' meta jgħid li ġarrab il-ġrieħi mhijiex id-data tal-inċident imma ta' xahar wara[60], liema diskrepanza wasslet lill-espert mediku mqabbad mill-istess assikurazzjoni biex josserva li l-verżjoni tal-attur u r-*records* mediċi tiegħu ma jaqblux;

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-attur ma seħħlux jipprova li l-imħarrkin jew min minnhom tabilħaqq ħabtu għalih u għalhekk ma ħariġx li huma jaħtu għal dak li huwa jgħid li ġarrab

54 Xhieda ta' Vince Attard f'paġ. 182 tal-proċess
55 *Ibid* paġ. 185 tal-proċess
56 *Ibid* paġ. 183 tal-proċess
57 Xhieda ta' Pauline Harkins f'paġ 170 tal-proċess
58 Xhieda ta' Josephine Galea f'paġ. 189 tal-proċess
59 Dokti f'paġġ. 214/1 – 214/3 tal-proċess
60 Ara Dokti "AMZ", "AMY" u "LP1", f'paġġ. 75, 76 u 223 tal-proċess

fl-episodju partikolari li fuqu bena l-kawża kollha. Minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-ewwel talba tiegħu ma tistax tintlaqa';

Illi fin-nuqqas li l-ewwel talba attriċi ma tirriżultax, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' kull wieħed mill-imħarrkin, u għall-istess raġunijet mhijiex sejra tidħol fil-kwestjoni dwar id-dannu li l-attur jgħid illi ġarrab b'riżultat ta' l-aggressjoni abbużiva mill-imħarrkin, għaliex dan huwa eżerċizzju konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija fl-imħarrkin;

Illi għalhekk, lanqas it-talbiet attriċi l-oħrajn ma jistgħu jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attur ma weriex li l-imħarrkin jew min minnhom jaħtu għall-inċident li għalih jirreferi tad-29 ta' Marzu, 2006, u għalhekk mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin billi hija mistħoqqa;

**Tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba attriċi; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**29 ta' Settembru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**29 ta' Settembru, 2016**